**QORTI TAL-APPELL KRIMINALI**

**Onor. Imħallef Consuelo Scerri Herrera, LL.D., Ph.D,**

**Appell Nru: 187/2022**

**Il-Pulizja**

**Vs**

**Ommissis; Sarah Zammit**

**<u>Illum, 29 ta' April 2025</u>**

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi dedotti kontra l-appellanti **Sarah Zammit** detentrici tal-karta tal-identita' Maltija **63891M**, akkuzata quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli:

i. Talli bejn id-19 ta' Diċembru 2021 u 1-20 ta' Diċembru 2021 f'dawn il-gzejjer b'qerq ħolqu tracċi ta' reat b'mod li jistgħu jinbdew proceduri kriminali sabiex jizguraw li dak ir-reat kien sar.
ii. U aktar talli fl-istess dati, ħinijiet, lok u ċirkostanzi irrendew ruħhom recidivi ai termini tal-artikoli 49 u 50 tal-Kapitolu 9 tal Liġijiet ta' Malta permezz ta' sentenzi mogħtija fil-konfront tagħhom, mill-Qrati ta' Malta, liema sentenzi huma definittivi u ma jistgħux jinbidlu.

II-Qorti kienet ukoll gentilment mitluba sabiex f'każ ta' ħtija tikkundanna lill-akkużati għall-ħlas ta' spejjeż li jkollhom x'jaqsmu mal-hatra ta' esperti jew periti fil-proċeduri hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 533 tal- Kapitlu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

II-Qorti kienet ukoll mitluba sabiex barra milli tapplika il-piena skont il ligi, tapplika wkoll l-artikoli 383, 384, 385 u 412C tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta għas-sigurta' ta' dawn il-persuni hawn fuq indikati.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali ta' nhar is-6 ta' April 2022, sabet lill-imputata Sarah Zammit hatja tal-ewwel akkuza migjuba kontra taghha u mhux hatja tat-tieni akkuza migjuba kontra taghha u ghalhekk illiberatha minnha u wara li qieset in-natura u l-gravita' tar-reat, ic-cirkostanzi kollha li taw lok ghal dan il-kaz u l-fedina penali tal-imputata kkundannat lill-imputata Sarah Zammit ghal sena prigunerija effettiva.

Rat ir-rikors tal-appell tal-appellati, preżentat fir-reġistru ta' din l-Onorabbli Qorti nhar il-25 ta' April 2022, fejn talbet lil din l-Onorabbli Qorti sabiex jogħġobha tirriforma s-sentenza appellata u dana billi;

- Filwaqt li tikkonfermaha fil-parti fejn illiberat lill-appellanti mit-tieni imputazzjoni (tar-recidiva) dedotta fil-konfront tagħha u anke fir-rigward tal ispejjeż relatati mal-esperti, (2) Tiddikjaraha mhux hatja u għalhekk tilliberaha mill-ewwel akkuża fil- konfront tagħha;
- Mingħajr preġudizzju, f'każ illi dawn it-talbiet ma jintlaqgħux, joghgobha tirriforma s-sentenza u tvarja l-piena nflitta billi timponi piena aktar ekwa u gusta għall-fatti speci tal-każ.

Rat illi l-appellanti dehret quddiem il-Bord tar-Rijabilitazzjoni ta' Persuni li nqabdu bid-droga u li nhar it-8 ta' Lulju 2024 baghat nota fl-atti ta' din il-kawza li l-Bord ghalaq l-kaz tal-appellanti b'success[1].

Rat li fis-eduta tas-17 ta' Ottubru 2024 l-appellanti fil-presenza tal-avukat difensur taghha rregistrat ammissjoni ghall-akkuzi kif addebitati fil-konfront taghha u dwar il-piena rrimettiet ruhha fid-dawl tan-nota prezentata mill-Bord ta' Rihabilitazzjoni.

Rat is-sentenza taghha fl-ismijiet premesi tal-14 ta' Novembru 2024 fejn iddisponiet mill-appell billi rriformat s-sentenza appellata u filwaqt li ikkonfermatha fejn sabet

[1] Fol. 373 tal-atti

lill-imputata appellant mhux hatja tat-tieni akkuza u lliberata minnha kkonfermatha fejn sabitha hatja ta' l-ewwel akkuza kif del resto ammessa minnha stess. Irrevokat l-piena mposta ta' sena prigunerija u minflok poggiet lill-appellanti taht Ordni ta' Probation a tenur ta' l-artikolu 7 tal-Kap. 446 ghal perijodu ta' tliet snin mid-data tas-sentenza taht is-sorveljanza ta' ufficjal tal-Probation li kellu jigi nominat ghal dan l-iskop u bil kondizzjonijiet kollha fil-Probation Order annessi, inkluz fosthom li tkompli tindirizza r-rijabilitazzjoni taghha mill-vizzju tat-tehid ta' droga[2].

Rat l-Ordni tal-Probabtion annessa mas-sentenza esebita fl-atti a fol. 410 u minn ezami ta' l-istess jirrizulta skond il-klawsola numru 5 li l-Probationer ghandha zzom il-boghod mit-tehid tad-droga u ghal dan il-ghan ghandha tisottometti ruhha ghal kull test tal-awrina taghha una volta tigi hekk mitluba ghall-gharrieda mill-ufficjal tal-probabtion.

Rat ir-rikors tal-Ufficcjal tal-**Probabtion Svetlana Bezzina Giannukos** prezentata fir-registru ta' din l-Onorabbli Qorti nhar il-25 ta' Marzu 2025[3] fejn infurmat lil Qorti li l-probabtioner naqset milli izzomm kuntatt kointinwu maghha skond id-direttivi moghtija lilha, li naqset milli issegwi pjan ta' kura li kienet fformulat bil-hsieb li tindirizza l-problema ta' droga liema aspett jidher li ghal darb ohra jirrikjedi attensjoni serja. In oltre stqarret li l-probationer ma kellhiex post fiss fejn tghix u li kienet qed tonqos milli zzommha infurmata fir-rigward tal-aspett ta' akkomodazzjoni.

Rat id-digriet taghha tas-7 ta' April 2025 fejn ordnat notifika ta' dan ir-rikors lil Avukat Generali

Rat ir-risposta tal-Avukat Generali datat 8 ta' April 2025 fejn stqar li l-probationer ghandha tiehu l-pedana tax-xhieda biex tispjega din il-materja.

Rat illi fis-seduta sussegwenti nhar l-10 ta' April 2025 xehdet l-ufficcjal tal-probabtion **Svetlana Bezzina** u kkonfermat li ghal bidu l-probabtioner Sarah Zammit inghatat din l-Ordni tal-Probation kienet iggib ruha tajjeb. Kienet ghadha hierga mill-habs u anke attendiet ghall-appuntament fl-10 ta' Dicembru 2024, u fit-23 ta' Dicembru 2024

[2] Fol. 381 et seq
[3] Fol. 413

u kienet tidher tajba. Kienet qed issostni li ma kienitx qed taghmel uzu minn sustanzi illeciti. Kienet qed taghmel uzu mid-droga Cannabis pero meta tikkunsidra u tikkompara mas-sitwazzjoni taghha fil-passat is-sitwazzjoni kienet tidher pjuttost stabbli. Madankollu wara l-appuntament tat-23 ta' Dicembru 2024 kien hemm perijodu shah fejn ma kienx hemm kuntatt. In fatti kellha tattendi ghall-appuntament fil-15 ta' Jannar 2025 u ma marritx. Spjegat li ghamlet kuntatt ma' ommha biex tara jekk kienitx qed tghix hemm izda ma kienitx u ma kienux jafu fejn kienet qed tirrisjedi. Jidher li ma kellhiex post fejn tghix f'dak l-istadju Fis-7 ta' Frar, 2025 il-Probationer ghamlet kuntatt maghha permezz ta' video call u setghet tara li ma kienitx tinsab fi stat tajjeb. Kienet anke ggwidata biex tmur il-polyclinic. Tatha appuntamenti ohra ghas-17 u wara ghal 20 ta' Frar 2025 izda regghet ma marritx. Ikkonfermat li fis-7 ta' Marzu 2025 il-probationer ghamlet kuntatt maghha u talbitha tmur id-Detox u tigbor referral ghal Mount Carmel izda tad-Detox qalulha li dan ma kienx possibli. Kellha tmur l-Emergenza l-Isptar Mater Dei u jirreferuha minn hemm. Kienet cemplitilha diversi drabi sal-25 ta' Marzu 2025 sakemm ipprezentat id-denunzja relattiva. Tghid li testijiet tal-awrina ma haditilhiex. Il-pjan taghha kien itkar f'containment u ghalhekk riditha tmur l-isptar Monte Carmeli. Il-probabtioner baqghet ma marritx l-Isptar u ghalhekk l-Isptar Monte Carmeli ma dahlitx.

Illi dakinhar stess tal-14 ta' April 2025 wara li l-Qorti semghet din ix-xhieda tal-Probationer ordnat l-arrest provisorju tal-probabtioner u ordnat li jittiehed kampjun tal-awrina taghha gewwa l-Habs. Illi fis-seduta tal-24 ta' Aprl 2025 deher Roderick Muscat ghan-nom tal-Facilita Korrettiva ta' Kordin u kkonferma li l-probationer dahlet l-habs nhar l-14 ta' April, 2025 u *upon admission* kienet pozittiva ghad-droga Kokaina u Opiates.

Semghet lil partijiet jittrattaw il-kaz u dan fis-seduta tal-24 ta' April, 2025.

**Ikkunsidrat**.

Illi din il-Qorti dejjem ghamlet minn kollox u dak kollu li huwa possibbli sabiex tghin lil kull min deher quddiemha bhala imputat u kellu din il-problema serju hafna u

f'kazijiet bhal dawn, il-Qorti dejjem tat kull opportunita sabiex vittmi ta' droga jfiequ minn dan il-vizzju.

Din il-Qorti dan ghamlitu meta kienet konvinta li min kien quddiemha ried tassew u genwinament johrog minn dan il-problema u min wera rieda tajba w affidabilita u ghalhekk kien jisthoqqlu li jinghata cans li jfieq u jerga jirrintegra ruhu tajjeb fis-socjeta.

Illi f'dan il-kaz il-Qorti ukoll tat cans lil appellanti sabiex tirrintegra ruhha tajjeb fis-socjeta li wara kollox hi wkoll taghmel parti minnha u dan ghaliex temmen li l-isforz taghha kien wiehed genwin, pero per sfortuna l-appellanti rgghet dehret quddiem din l-istess Qorti hames xhur wara li giet moghtija l-Ordni tal-Probationer fuq denunzja li saret mill-probabtion officer li l-probabtioner ma kientix qed issegwi l-Ordni moghtija mill-Qorti.

Din il-Qorti semghet ix-xhieda ta' Roderick Mifsud li kkonferma li meta dahlet il-habs nhar l-4 ta' April 2025 kient pozittiva ghad-droga Kokaina u Opiats u dan meta kellha kundizzjoni specifika fl-Ordni tal-Probation taghha li kellha zzomm il-boghod mit-tehid tad-drogi. Jidher ghalhekk bic-car li dak kollu li ghamlet il-Qorti maghha u l-opportunita li taghtha biex tfieq minn dan il-vizzju mishut ma rnexxiex tant li regghet bdiet tiehu d-droga. Semghet ukoll lill-ufficcjal tal-probation tikkonferma li Sarah Zammit ma zammitx kuntatt maghha u li sahansitra ma kellhiex fejn toqghod.

L-artikolu 23 (1) tal-Kapitolu 446 jipprovdi espressament ghal kull wahda minn dawn is-sitwazzjonijiet meta jghid:

> *23.(1) Jekk persuna li fil-każ tagħha jkunu saru xi sanzjoni komunitarja jew ordni għal liberazzjoni kondizzjonata, sussegwentement tinħareġ fir-rigward tagħha dikjarazzjoni ta' ħtija minn jew quddiem xi qorti dwar reat li jkun sar matul il-perjodu ta' probation jew matul il-perjodu ta' liberazzjoni kondizzjonata, il-qorti - (a) jekk tkun l-istess qorti li tkun għamlet l-ordni ta' probation , l-ordni ta' servizz fil-komunità, l-ordni ta' probation u servizz jew l-*

*ordni għal liberazzjoni kondizzjonata, tista' tittratta lil dik il-persuna għar-reat li dwaru tkun saret dik l-ordni b'kull mod li tista' tittratta lill-ħati li kieku kien għadu kemm ġie dikjarat ħati minn jew quddiem dik il-qorti għal dak ir-reat;"*

Konsegwentement din il-Qorti trid titratta mill-gdid mal-appellanti probationer tar-reat li taghhom instabet hatja fis-sentenza tal-14 ta' Novembru 2024 u cioe li bejn id-19 ta' Dicembru, 2021 u l-20 ta Dicembru 2021 f'dawn il-gzejjer b'qerq holqot it-tracci ta' reat b'mod li setghu jibdew proceduri kriminali sabiex jizgura li dak ir-reat sar peress li tal-akkuza ta' recidiva ma kinitx instabet hatja. Rat l-artikoli tal-ligi relattiv u cioe l-artikolu 110(2) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta u rat il-fedina penali kkulurita taghha esebita fl-atti a fol. 265 et seq.

Ghal dawn il-motivi din il-Qorti tiddisponi minn din id-denunzja billi tirriforma s-sentenza appellata u dan billi:

i. tikkonfermaha f'dik il-parti fejn l-ewwel Qorti sabet htija fl-ewwel imputazzjoni u mhux hatja tat-tieni akkuza u thassarha f'dik il-parti fejn qieghdet lill-appellata taht ordni ta' probation fit-termini tal-artikolu 7 tal-Kap 446 ghal tlett snin u minflok, tikkundanna lill-appellanti ghal piena ta' prigunerija ta' sena effettiva mil-llum.

**Dr Consuelo Scerri Herrera**
**Onor Imhallef**

**Maria Grech**
**Deputat Registratur**